# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 283/2011**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Carmel Spiteri sija bil-polza u bil-ligi kif ukoll l-istess Carmel Spiteri**

**Vs**

**KUNSILL LOKALI SIGGIEWI, KUNSILL LOKALI MQABBA, KUNSILL LOKALI LUQA U AWTORITA GHAT-TRASPORT F'MALTA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2014, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“ Il-Qorti*

*Rat ir-rikors ippresentat fid 29 ta’ Awissu 2011 fejn ir-rikorrent talbu lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsuhom is-somma ta’ tlett elef, sitt mija u tlieta u sebghin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€3,673.44) rappresentanti danni sofferti minn Carmel Spiteri fuq il-vettura DBQ236 misjuqa mit-tifel tieghu Daniel Michael Spiteri gewwa Triq ta’ Kandia, limiti tas-Siggiewi Imqabba u Luqa, fit 12 ta’ Dicembru 2009 wara illi l-vettura baqghet diehla f’hofra illi kien hemm fuq wicc it-triq minghajr ebda senjaletika u, bhala rizultat, safa involut f’incident.*

*Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Siggiewi ippresentat fl 4 ta’ Ottubru 2011 fejn sahqet in difiza li r-rikorrenti kellha indika bic-car fejn sehh l-incident ghax hi mhix responsabbli tal-parti tat-triq fejn gara l-incident peress illi dik il-parti tat-triq illi hija responsabbilta’ taghha hija fi stat tajjeb. Sahqet ukoll illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma’ l-intimat u li d-danni reklamati huma kontestati.*

*Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta ippresentata fis 7 ta’ Ottubru 2011 fejn sahqet illi t-triq in kwistjoni ma hijiex la triq arterjali u lanqas distributorja u ghalhekk ma taqax taht ir-responsabbilta’ taghha. L-Awtorita’ ghalhekk insistiet illi l-pretensjonijiet fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Luqa ippresentata fis 7 ta’ Ottubru 2011 fejn sahqet illi l-incident ma sehhx fil-konfini u responsabbilta’ taghha u ghalhekk kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Rat illi l-Kunsill Lokali Mqabba, ghalkemm notifikati fl 20 ta’ Settembru 2011 (vide fol 32 tergo), qatt ma ressqu eccezzjonijiet u, fis 17 ta’ Frar 2012, gew ippresentati fil-konfront taghha kapitoli a tenur tal-artikolu 698 tal-Kap 12, u ma dehritx fis-seduta tal 11 ta’ Mejju 2012 sabiex tikkontesta t-talbiet lilha imputati.*

*Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta’* ***Daniel Michael Spiteri****, sewwieq tal-vettura DBQ 236, illi inghata fis 17 ta’ Frar 2012.*

*Semghet ix-xhieda ta’* ***Damian Everest****, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fil 11 ta’ Mejju 2012.*

*Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta'* **Pio Farrugia***, rappresentant tad-Direttur tal-Gvern Lokali, moghtija fl-10 ta' Dicembru 2012.*

*Semghet ix-xhieda ta'* **Ivor Robinich***, rappresentant tal-MEPA, moghtija fl-10 ta' Dicembru 2012.*

*Semghet ix-xhieda u kontro-ezami tal-***Ispettur Gabriel Micallef** *moghtija fl 1 ta' Marzu 2013.*

*Semghet ix-xhieda u kontro-ezami ta'* **Victor Borg Fiorentino***, rappresentant tal-MEPA, moghtija fl 1 ta' Marzu 2013.*

*Rat illi fl-1 ta' Marzu 2013 is-socjeta rikorrenti dikjarat illi ma kellhiex provi x'tippresenta.*

*Semghet ix-xhieda u kontro-ezami tal-***PL Joeline Pace Ciscaldi***, rappresentanta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, moghtija fis 6 ta' Mejju 2013.*

*Rat illi fis 6 ta' Mejju 2013 l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.*

*Rat l-affidavit ta'* **Nikol Baldacchino***, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Siggiewi ippresentat fit-3 ta' Gunju 2013.*

*Semghet il-kontro ezami ta' Daniel Michael Spiteri moghtija fit 28 ta' Gunju 2013.*

*Rat l-affidavit ta'* **Robert Musumeci***, Sindku precendenti tal-Kunsill Lokali Siggiewi meta sehh l-incident, ippresentat fl-4 ta' Ottubru 2013.*

*Rat illi kemm il-Kunsill Lokali Siggiewi kif ukoll il-Kunsill Lokali Luqa, fis-seduta tal 21 ta' Ottubru 2013, iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.*

*Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tas-socjeta rikorrenti kif ukoll tal-Awtorita tat-Trasport f'Malta u tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi u ta' Hal Luqa, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.*

***Ikkunsidrat***

*Il-kawza odjerna tirrigwarda incident awtomobilistiku illi sehh fit 12 ta' Dicembru 2009 gewwa Triq ta' Kandja, limiti tas-Siggiewi, liema incident seta kellu konsegwenzi aktar gravi li ma kienx ghal fatt illi hadd ma kien ghaddej*

*minn tali triq salv Daniel Spiteri. Di fatti, jirrizulta kemm mix-xhieda ta' l-istess Spiteri kif ukoll mir-ritratti minnu esebiti, illi, hekk kif huwa kien sejjer minn Siggiewi lejn Hal Qormi, f'gurnata bi vizwali tajba, ghalkemm kien qed jipprova jevita il-varji hofor li hemm fit-triq, f'mument minnhom, safa rinfaccjat b'hofra kbira illi huwa ipprova jevita. Hekk kif kien qed jipprova jevita tali hofra, Spiteri baqa diehel fiha u tilef il-kontrol tal-vettura li, bhala rizultat, qamet il-karreggjata ghan-naha opposta tat-triq u baqa diehel fil-hajt tas-sejjieh illi kien hemm.*

*Wara illi sehh l-incident, Spiteri, b'velocita ridotta hafna in vista tal-hsarat li sofra, saq il-vettura lura lejn il-mechanic tieghu sabiex jara x'seta jsir biex tissewwilu l-hsara. Minn hemmhekk huwa ghamel rapport mal-assikurazzjoni tieghu, is-socjeta rikorrenti GasanMamo, u sussegwentement, wara illi ntalab jaghmel hekk mis-socjeta ssikuratrici, huwa ghamel rapport lill-Puluzija.*

*Spiteri, eventwalment, mar anke ghand Robert Musumeci, dak iz-zmien Sindku tal-lokalita' tas-Siggiewi, li ghamillu site plan ta' fejn gara l-incident u indikalu fuq l-istess site plan fejn sehh l-impatt filwaqt illi stqrr mieghu illi hemmhekk kien jifforma parti mis-Siggiewi.*

***Ikkunsidrat***

*Il-kwistjoni spiccat quddiem dina l-Qorti mhux minhabba fid-dinamika ta' l-incident per se, izda peress illi hadd ma ried jaccetta illi t-triq taqa' taht il-konfini. Di fatti, wara illi l-assikurazzjoni kienet hallset lill-assikurat taghha, li kien assikurat fuq bazi "fully comprehensive", dak kollu illi kien lilu dovut, wara li tnaqqas' l-eccess ta' €350 illi huwa kellu jhallas, hija pprocediet biex taghmel ittra ufficjali lill-Kunsill Lokali Siggiewi u lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fit 22 ta' Frar 2010. Il-Kunsill Lokali Siggiewi infurmawhom illi ma kienux responsabbli ghal dik il-parti tat-triq filwaqt illi l-Awtorita, wara hafna insistenza da' parte tas-socjeta rikorrenti, qalet illi t-triq ma hijiex wahda illi taqa' taht il-kompetenzi taghhom.*

*Sussegwentement is-socjeta rikorrenti kitbet lill Kunsill Lokali Mqabba fil 25 ta' Gunju 2010 permezz ta' email illi, fit-28 ta' Gunju 2010, gharrfuha illi t-triq ma taqax taht il-konfini taghhom filwaqt illi fis-16 ta' Novembru 2010 kitbu lill-Kunsill Lokali Luqa. Ma jidhirx illi kien hemm xi risposta da' parte tal-Kunsill Lokali Luqa.*

*Eventwalment, fid 29 ta' Awissu 2011, infethet il-kawza odjerna.*

***Ikkunsidrat***

*Jirrizulta mill-pjanti esebiti mill-Malta Environment & Planning Authority a fol 99, illi t-triq fejn sehh l-incident, ossija Triq ta' Kandja, hija indikata bhala "Local Access" road, jigifieri ma hijiex la triq arterjali u wisq anqas triq distributorja.*

*Jirrizulta wkoll illi, skond publikazzjoni mahruga mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali u l-Awtorita ta' l-Ippjanar fis-sena 1999, gie indikat bic-car illi toroq arterjali u distributorju kif definiti fil-Pjan ta' Struttura tal-istess Awtorita baqghu responsabbilta' ta' l-Awtorita' ghat-Trasport Pubbliku filwaqt illi t-toroq l-ohra gew mghoddija mill-Gvern lill-Kunsill Lokali, u dana kif hareg car minn ittra annessa ma' l-istess publikazzjoni mahruga mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali fis-sena 1999.*

*Finalment, jirrizulta car illi, skond il-pjanta annessa ma tali rapport, u esebita a fol 114 tal-process, it-triq Ta' Kandja taqa' entro il-konfini tal-lokalita' tal-Kunsill Lokali Siggiewi.*

*Allura, johrog car daqs il-kristall illi dina t-triq hija responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Siggiewi.*

***Ikkunsidrat***

*Jirrizulta ben ippruvat illi l-incident sehh minhabba fil-fatt illi t-triq minn fejn kien ghaddej Daniel Spiteri ma kienetx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, tant illi kellha diversi toqob fiha, kif jidher fir-ritratti a fol 29 sa 31 tal-process, liema manutenzjoni kienet responsabbilta' unika tal-Kunsill Lokali Siggiewi, peress illi tali triq hija indikata bhala "Triq Lokali".*

*Fil-gurnata ta' llum, kull sewwieq jippretendi illi t-toroq jinzammu fi stat tajjeb u, filwaqt illi huwa accettabbli illi triq ikollha xi hsara zghar rizultat tal-'wear and tear' normali inhabba fl-uzu tat-triq u l-elementi tan-natura, certament ma tista qatt tkun accettabbli illi triq tkun fi stat daqstant hazin illi jkollha diversi toqod ta entita' serja, wahda wara l-ohra, minghajr ma jsir ebda tip ta' indikazzjoni dwar tali perikolu jew jsiru rriparazzjonijiet minnufih. Huwa d-dover tal-Kunsill Lokali illi tahthom jaqghu tali toroq, li jassikuraw li t-toroq ikunu fi stat karreggjabbli u li jsir il-monitoragg mehtieg b'mod regolari halli tali hsarat jigu riparati minnufih.*

*Huwa car illi, fil-kaz odjern, mhux talli ma kien hemm ebda monitoragg da' parte tal-Kunsill Lokali Siggiewi, izda kien hemm nuqqas grossolan da' parte ta' l-istess Kunsill li naqas milli jirranga dawna t-toqob konsiderevoli illi kien hemm fit-triq, minhabba f'liema nuqqas, sehh l-incident illi wassal ghal kawza odjerna, liema incident seta kellu konsegwenzi ferm aktar serji kieku kien hemm traffiku ghadejj mill-karreggjata opposta.*

***Ikkunsidrat***

*Fl-ahhar nett, qabel ma tghaddi ghad-decizjoni finali, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-Kunsill Lokali Mqabba, ghalkemm debitament notifikati, qatt ma dehru fil-proceduri odjerni u qatt ma ressqu ebda eccezzjonjiet. Jirrizulta wkoll illi fis 17 ta' Frar 2012, gew ippresentati fil-konfront taghha kapitoli a tenur tal-artikolu 698 tal-Kap 12, u ma dehritx fis-seduta tal 11 ta' Mejju 2012 sabiex tikkontesta t-talbiet lilha imputati. Madanakollu, il-Qorti ma tisatx ukoll ma tosservax illi, fit 28 ta' Gunju 2010, l-istess Kunsill ta' l-Mqabba kienu infurmaw lis-socjeta rikorrenti illi hija ma kellha x'taqsam xejn ma' l-incident peress illi ma jaqax fil-konfini taghha. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi harsa lejn il-publikazzjoni fuq imsemmija mahruga mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta kien mal-ewwel juri illi attwalment it-triq qatt ma setghet kienet fil-konfini tal-Kunsill Lokali Mqabba. Ghalhekk, il-Qorti, filwaqt illi tifhem illi sar kapitolu fil-konfront tal-Kunsill Lokali Mqabba, thoss illi jkun opportun li, a tenur ta' l-artikolu 700 (2) tal-Kap 12, ma tapprovax tal-kapitoli, u ghalhekk qieghda thassar il-kapitolu ippresentat fil-konfront tal-Kunsill Lokali Mqabba fis-17 ta' Frar 2012.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda mressqa quddiemha,*

*Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi*

***Tilqa** l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Luqa u tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju,*

***Tichad** l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Siggiewi u ghalhekk*

***Tilqa*** *t-talbiet attrici kif dedotti limitatament fil-konfront tal-Kunsill Lokali Siggiewi u ghalhekk*

***Tikkundanna*** *lill-istess Kunsill Lokali Siggiewi thallas lis-socjeta rikorrenti GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' tlett elef, tlett minja u tlieta u ghoxrin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€3,323.44) u lill Carmel Spiteri is-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350) flimkien ma' l-imghax fuq tali ammonti mit-22 ta' Frar 2010, data tal-presentata ta' Ittra Ufficjali kontra l-istess Kunsill Lokali, sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjez tal-proceduri odjerni tal-partijiet kollha ghandhom ikunu sopportati unikament mill-Kunsill Lokali Siggiewi".*

Bl-appell minnhom introdott fil-konfront tas-sentenza appellata l-appellanti Dr. Karol Aquilina u Nikol Baldacchino fil-kapacita taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv rispettivament tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi essenzjalment jilmentaw illi:

1. In-nullita tad-decizjoni impunjata u dana ghaliex l-Ewwel Qorti naqqset milli tindirizza punti imqajjma mill-Kunsill appellanti fir-risposta tieghu. Illi dan in-nuqqas imur kontra l-principju *pari paribus*. Dana meta l-Ewwel Qorti ma ikkunsidratx dak li hareg mill-provi u cioe' ir-responsabbilta tas-sewwieq ghall-incident mertu tal-kaz u l-inverosimiljanza tal-verzjoni moghtija minnu. Inoltre l-Ewwel Qorti lanqas ikkunsidrat il-hames eccezzjoni sollevata mill-Kunsill appellanti fejn gie ikkontestat il-*quantum* tad-danni.
2. Illi l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha ma isibu l-ebda konfort fl-atti probatorji billi l-verzjoni moghtija mis-sewwieq hija ghal kollox insostenibbli.
3. Ghaldaqstant l-Ewwel Qorti ma ghamiltx apprezzament tajjeb tal-provi li kellha quddiemha. Dan ghaliex il-Kunsill appellanti ressaq provi konvincenti illi ma kien hemm l-ebda nuqqas minn naha taghha billi hija tiehu hsieb regolarment il-manutenzjoni tat-toroq li jaqghu fil-konfini taghha. Kienet responsabbilta tas-sewwieq li sehh l-incident mertu tal-kaz

meta ma zammx dik il-vigilanza necessarja fis-sewqan u minhabba l-velocita eccessiva huwa ma irnexxielux jara preventivament il-hofra li allegatament wasslet ghas-sinistru stradali mertu tal-kaz.

4. Illi finalment fil-kontumacja tal-Kunsill Lokali tal-Mqabba, u wara li gew pprezentati l-Kapitoli ghas-subizzjoni taghha, l-Ewwel Qorti kellha bilfors tasal sabiex issib htija fl-istess Kunsill billi kellha tghaddi sabiex taccetta l-imsemmija kapitoli.

Illi l-Kunsill appellanti jilmenta illi d-decizjoni impunjata naqqset milli tindirizza uhud mill-eccezzjonijiet minnha sollevati fosthom ir-responsabbilta tas-sewwieq ghas-sinistru stradali kif ukoll il-kontestazzjoni minnha imressqa dwar l-ammont tad-danni reklamati.

Illi l-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ifassal dak li ghandu jigi imfisser f'kull decizjoni meta jinghad:

**"Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut."**

Issa minn qari tad-decizjoni impunjata ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti tbieghdet minn dak rikjest f'dina id-disposizzjoni tal-ligi billi fiha hemm referenza ghat-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-konvenuti. Illi ma hemmx dubbju illi l-Ewwel Qorti fil-motivazzjonijiet taghha investiet l-kwistjoni tar-responsabbilta tas-sewwieq ghall-incident stradali taht il-lenti taghha u wasslet ghal konkluzjoni illi kien l-istat ferm hazin tat-triq kif irrizultalha mill-atti probatorji illi gieghel lis-sewwieq jipprova jevita l-istess bil-konsegwenza li ma irnexxielux jaghmel dan u baqa' diehel f'hajt tas-sejjiegh li kien jinsab fil-vicin. Illi fir-rigward tal-*quantum* tad-danni, mill-istruttorji tressqu provi sufficjenti li stabbilew l-ammont tal-hsara li sofriet il-vettura tal-assikurat tas-socjeta

appellata, liema ammont ma giex ikkontestat mis-socjeta appellanti u dana fil-mori tal-kaz wara li tressqet dina l-prova. Dan wassal lill-Ewwel Qorti ghall-accettazzjoni ta' tali ammont u dana in vista tal-fatt illi ma jidhirx illi tressqet xi prova kontradittorja mis-socjeta appellanti jew mill-konvenuti l-ohra. Illi ghaldaqstant billi ir-rekwiziti imfassla mill-artikolu 218 hawn fuq iccitata jinsabu kollha sodisfatti, din il-Qorti tqies illi dan l-aggravvju sollevat mill-Kunsill appellanti ma jisthoqqlux akkoljiment.

Illi in kontradizzjoni ma' dan l-ewwel aggravvju imbaghad ghalkemm l-Kunsill appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti injorat l-eccezzjonijiet minnha sollevati, imbaghad ighaddi biex jilmenta illi fil-konsiderazzjonijiet maghmula fid-decizjoni impunjata fir-rigward tar-responsabbilta ghas-sinistru stradali, l-istess decizjoni ma tipprezentax apprezzament adegwat tal-atti probatorji u tal-eccezzjoni minnha sollevata illi ghas-sinsitru stradali kien jahti unikament is-sewwieq u li l-*causa prossima* tal-incident kienet unikament il-velocita eccessiva u mhux l-istat tat-triq. Jikkritika is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti ghaliex jargumenta illi x-xhieda tas-sewwieq kienet inverosimili u kwindi kellha tigi skartata.

Illi kif gie bosta drabi imghallem mid-dottrina u l-gurisprudenza, Qorti ta' revizjoni trid toqghod ferm kawta qabel ma tasal biex tvarja apprezzament li ikun sar minn qorti ta'l-ewwel grad hlief meta ikun hemm cirkostanzi gravi u impellenti li ghandhom jinducu ghal varjazzjoni jew rigett ta' dak l-apprezzament. Maghdud dan, din il-Qorti mal-ewwel tosserva illi mill-fattispecje jirrizulta illi l-event dannuz  sehh minhabba nuqqas ta' kawteli da parti tal-Kunsill appellanti u mhux b'xi non kuranza da parti tas-sewwieq kif allegat. Dan ghaliex mill-atti ma hemmx l-icken prova dwar il-velocita eccessiva li biha kienet qed tinsaq il-vettura qabel l-impatt, izda jirrizulta biss illi l-lok tal-incident kien mizghud b'hofor u toqob li kienet certament qed

tipprezenta certa diffikulta ghall-utenti ta'l-istess triq. Kwindi din il-Qorti ma tarax, bhall-Ewwel Qorti, illi hemm bizzejjed provi fl-atti li jistghu iwassluha fuq bazi ta' probabbillita sabiex tasal ghal konkluzjoni illi l-*causa prossima* tal-incident kienet unikament l-ispeed tal-vettura qabel l-impatt u in-non kuranza tas-sewwieq. Izda minn naha l-ohra kif gie mghallem:

**"Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi afidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eskluzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dan sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili. Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001) kellha dan xi tghid:- "Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opera pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di commune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'nemine laedere' in osequio alla quale essa e tenuta a far sic he l'opus pubblicum' (in particolare una strada aperta al publico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabocchetto).[1]"**

Stabbilit ghalhekk illi illi t-triq fejn sehh l-incident kienet taqa' fir-responsabilita` tieghu, **"bla dubju dan il-Kunsill kien soggett ghall-istess obbligi tad-depozitarju ghal dak li hija kustodja u konservazzjoni tal-haga fdata lilu. Li jfisser illi, la t-triq kienet fid-disponibilita` tieghu, u allura soggetta ghal vigilanza tieghu, kien impellenti fuq il-Kunsill li hu jzomm kontroll kontinwu u effikaci biex jimpedixxi l-holqien ta' kawzi ta' perikolu ghal terzi. Jikkonsegwi illi hu ghandu b' dover l-obbligu li**

[1] Joseph Falzon vs Kunsill Lokali Iklin – App.Inf.22/11/2006

**jmantni t-triq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni f' kull rispett u jiskansa lill-utenti mill-insidji li jistghu jezistu jew jizviluppaw fit-triq.[2]"**

Fil-fehma tal-Qorti f' dan il-kaz ir-rizultanzi processwali jikkontradicu d-difiza adottata mill-Kunsill appellanti u anzi ssib li dan ma rnexxielux jikkontrobatti jew jeghleb il-prova maghmula mill-attur appellat. Gjaladarba l-Kunsill kien jaf bl-ezistenza tal-hofor f' din it-triq arterjali, kien messu, anke kieku stess ma kienx possibbli li jirriparahom, illi almenu permezz ta' senjalazzjonijiet adegwati jaghti preavviz lill-konducenti dwar il-perikolu, jew il-minaccja ta' perikolu, kawza tal-hofor f' dik it-triq. Dan ma jidhirx illi sehh izda baqa' inattiv. F' dan il-kwadru l-Kunsill appellanti ma jistax jargumenta illi l-htija ghandha tigi akkollata lis-sewwieq, iben l-assikurat tas-socjeta appellata ghax, skond hu, dan ma zammx '*a proper look out*' u kien qed isuq b'velocita eccessiva.

Illi jifdal biex jigi ikkunsidrat l-ahhar aggravvju sollevat mill-appellanti u dan fir-rigward tar-rigett tal-Kapitolu ghas-subizzjoni maghmula fil-konfront tal-Kunsill konvenut tal-Imqabba, mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

Gie precizat fil-gurisprudenza nostrana illi "l-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa[3]".

Issa ghalkemm il-prezentata tal-kapitolu ghas-subizzjoni huwa minnu innifsu prova ta' ammissjoni maghmula mill-persuna li kontra taghha ikun tressaq dak

---

[2] *Ibid*

[3]Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi", Appell, 13 ta' Lulju 2001

il-kapitolu, madanakollu il-kapitoli huma biss wiehed mill-elementi ta' xhieda li ghandha tqis il-Qorti u li ghalhekk ma tistax titqies marbuta bihom[4]. Illi inghad:

**“Filwaqt li hu veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezenta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra.[5]”**

Fuq kollox l-artikolu 694(3) tal-Kapitolu 12 stess jipprovdi illi:
“F’kull każ, tkun magħduda bħala li tagħmel prova, dik il-parti biss ta’ ammissjoni li l-qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta.”

Premess dan allura, l-Ewwel Qorti gustament ghaddiet biex applikat il-poter lilha moghti bis-sahha ta’ dak dispost fl-artikolu 700 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaddiet sabiex hassret il-kapitolu imressaq kontra il-Kunsill konvenut tal-Imqabba ghalkemm dan baqa fi stat ta’ kontumacja, u dan ghaliex kien evidenti mill-atti probatorji illi l-imsemmi Kunsill ma kellu l-ebda responsabbilta’ ghat-triq fejn sehh is-sinistru stradali billi dan kien jaqa’ fil-konfini tal-Kunsill appellanti. Allura ikun ingust u slejali da parti ta’l-istess Kunsill appellanti li jipprova jaddossa parti mir-responsabbilta tieghu lill-Kunsill ta’l-Imqabba meta dan huwa konxju illi l-istess Kunsill ma ghandux iwiegeb ghat-talba attrici. Ma hemmx dubbju illi l-Ewwel Qorti imxiet

[4] Cremona Victoria Sive Vivie Et Vs Chetcuti Carmelo Pro Et Noe – PA 13/01/2004

[5] Bank Of Valletta Plc Vs Balzan Joseph Et – PA 26/06/2003. Ara ukoll Busuttil John Vs Huy Johannes Et (13/05/2003): “Ghalkemm huwa minnu illi l-kapitoli huma mezz ta' prova, madankollu huma biss wiehed mill-mezzi li ghandha tqis il-qorti, u l-qorti ma ghandhiex toqghod fuq il-kapitoli, ukoll meta meqjusa bhala mistqarra, meta hemm xhieda ohra li turi li dak li jinghad fil-kapitoli ma hux minnu.”

b’gustizzja u kuxjenza u fil-limiti ta’ dak imfassal fid-dritt, meta ghaddiet biex irigettat il-kapitolu ipprezentat mill-attur.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjez kontra il-Kunsill appellanti kif rapprezentat.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur